# *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

## Minuti

## Disa' Legislatura

### *Laqgħa numru 33*

***5.30p.m 7 ta' Lulju 2021***

### *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina – Kunsillier

### *Assenti b'apoloġija*

Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

### *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa online.

### *33.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

32.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia talab li jiġi skużat mill-laqgħa minħabba raġunijiet ta' saħħa.

## *33.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

33.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 32. Wara li ħadd mill-membri ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

### *33.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

33.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lill-Kunsill li l-Marsa hija fost il-finalisti biex terbaħ it-titlu prestiġġuż ta' Belt Kulturali 2022. Is-Sindku rrimarka li l-fatt li l-Kunsill wasal s'hawn huwa diġa' ta' unur kbir, wieħed issa jittama li l-Kunsill ikun ir-rebbieħ u li b'hekk il-Kunsill ikun jistgħa jwettaq sensiela t'attivitajiet f'kull xahar għas-sena d-dieħla b'fond massimu allokat ta' €200,000.
.

## *33.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

33.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer nforma lill-Kunsill li f'diversi postijiet fil-Marsa fosthom Pont San Tumas u Marsa Road qegħdin jitweħħlu riklami. Huwa importanti li l-Kunsill jitlob ħlas għal dawn ir-reklami minħabba li hemm bye-law lokali li tirregola dawn ir-reklami. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel ma din il-proposta u qal li l-Kunsill għandu jinvestiga ukoll min qed jagħtihom permess iweħħlu dawn ir-reklami mingħajr il-kunsens tal-Kunsill.

33.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer xtaq jesprimi id-disappunt tiegħu dwar il-mod ta' kif ħadd mill-Kunsilliera ma kien jaf bil-press conference li saret fil-lokalita' tal-Marsa. Hawn kien hemm diskussjoni fejn diversi Kunsilliera urew id-disappunt tagħhom li saru jafu b'din il-press conference min residenti jew mill-mezzi tax-xandir. Il-Kunsillier Spencer qal li l-Kunsill kollu kellu jkun jaf li ser issir press conference apparti l-fatt li diversi residenti ġewwa Triq is-Sajjieda ħassewhom urtati għall-fatt li l-post sarlu tindif estensiv mill-kenniesa għax kien ġej il-Ministru meta l-Kunsill iħallas biex isir servizz tajjeb hekk kuljum, u għaldaqtant jitlob il-ħlas għal dan it-tindif mill-Ministeru u li l-Kunsill joħroġ stqarrija. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li huwa minnu li l-affarijiet ma sarux sewwa min naħa tal-Ministeru hekk kif lilu personali nfurmawħ li ser issir il-press conference nhar it-Tnejn propju s-Sibt filgħodu, madankollu ma jaqbilx li l-Kunsill għandhu joħroġ stqarrija għax il-konferenza kienet miftuħa għas-Sindki tal-lokalitajiet li l-iskema kienet applikabbli. Is-Sindku spjega li t-tindif sar tajjeb għax tressqu l-karozzi u l-boroz taż-żibel iċċaqalqu min hemm iżda xorta waħda ħadhom il-kuntrattur li ġie aktar tard fil-ġurnata, jiġifieri ma kien hemm l-ebda ħlasijiet addizjonali mill-Kunsill għaliex ġie l-Ministru.

33.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li hemm bżonn tiġi nfurmata l-Enemalta permezz ta' email minħabba l-qtugħ tad-dawl f'diversi toroq madwar il-lokalita'. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi assigura li dwar il-qtugħ tad-dawl tkellem mall-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri u din il-ħsara ssewwiet.

33.4.4 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri qal li l-lastiku tat-tappieri ta' Triq is-Sajjieda tqattgħu. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi kkonferma li dan huwa minnu u ser ikunu qed jinbidlu.

33.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace talab li jkollu meeting mall-LESA wara li qed joħorġu diversi multi li huma nġusti fil-konfron ta' dawk li jiġu jarmu d-demel f'borza sewda filwaqt li dawk li qed jarmu skart goff m'huwa qed isir xejn. Is-Sindku spjega li filwaqt li m'hemm l-ebda problema li l-Kunsillier ikellem lill-LESA dwar każi bħal dawn biex ikun hemm klarifikazzjoni xorta huwa importanti li wieħed jifhem li huwa llegali li tarmi d-demel f'borża sewda.

33.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono spjega li s-sitwazzjoni tal-iskart fil-lokalita' hija waħda verament prekarja u b'xi mod azzjoni trid ttieħed. Filfatt huwa semma fatt fejn fi Triq Nerik Sacco ssib li kaxxa tal-kartun ħadha l-kuntrattur u kaxxa oħra ma ħadiex. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li jekk il-kuntrattur qed jagħmel l-iżbalji jemmen ukoll li l-Kunsill irid jiġbidlu l-attenzjoni tiegħu. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer żied jgħid li hemm bżonn li fil-futur il-Kunsill jibda jieħu ħsieb il-ġbir tal-bulky refuse. Is-Sindku rrimarka li hija x-xewqa tiegħu li naslu hemm. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li huwa jixtieq iġib vann u jemmen li dan jista' jsir hekk il-gimgħa d-dieħla fejn huwa ser ikollu konferma għax hemm kumpanija privata fil-lokalita' li lesta tagħti vann lill-Kunsill.

33.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace talab sabiex il-Community Police u l-uffiċjali tal-ERA jibdew jinkludu ż-żona tal-korsa. Il-Kunsillier talab sabiex jinżabar palma li hemm fi Blokk V fi Triq ix-Xemxija. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dawn l-affarijiet jistgħu jsiru.

## *33.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

33.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 07/2021 annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti oħra dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

## *33.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

33.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-fraternita' tal-Paroċċa Kapuċċina ta' Marija Reġina rringrazzjat lill-Kunsill talli għoġbu jirranġa l-bażi tal-fanali taz-zuntier tal-Knisja.

33.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Bank of Valletta qed titlob Board Resolution sabiex il-Kunsill ikun jista' jagħmel online payment permezz tal-internet banking li jissuperaw l-ammont

ta' €25,000 f'ġurnata waħda. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

33.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li bħalma sar is-sena l-oħra l-Kunsill ta' Bridgwater qed torganizza attivita' li fiha huma mistiedna jieħdu sehem b'video clip ta' 10 minuti l-kunsilli li huma f'ġemellaġġ ma Bridgwater inkluż il-Marsa. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li s-soltu ikun hemm messaġġ mis-Sindku u għaxar minuti video clip dwar il-lokalita'. Apparti hekk huwa semma li għal din is-sena it-tema ewlenija għandha tkun li l-Kunsill Lokali tal-Marsa huwa fost il-finalisti li jirbaħ it-titlu prestiġġjuż ta' Belt Kulturali 2022. Is-Sindku qal li l-video clip li jista' jintuża huwa dak li ntwera' bin-niċċeċ fil-lokalita'.

33.3.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li hemm avviż legali li tobbliga l-Kunsilli Lokali jsibu postijiett fejn ikun hemm bring-in sites sabiex tagħti l-faċilita' lir-residenti biex jisseparaw l-iskart. Il-Marsa għad jonqosha bring-in site oħra, madankollu minħabba li s-sitwazzjoni tal-iskart illegali s-Sindku esprima l-fehma tiegħu li dan ikun żball kbir. Wara diskussjoni fost dawk preżenti kien hemm qbil li dan il-bring-in site ma jsirx. Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

33.3.5 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li ġejna nfurmati mill-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali s-Sur Mario Fava, li l-Kunsill Lokali ma jistgħux iwaqqfu pagament fuq proġett li ġie miftiehem fost il-Kunsill Lokali li huma interessati biex jibbenefikaw mill-proġett slow streets. Għaldaqstant huwa qed jitlob biex il-pagament jiġi mħallas. Wara diskussjoni fost dawk preżenti, s-Sindku talab biex jittieħed vot bil-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri jissekonda. Il-voti favur li l-pagament jitħallas kienu tas-Sindku s-Sur Josef Azzopardi, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri, l-Kunsillier is-Sur Colin Pace u l-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina, filwaqt li l-Kunsillier is-Sur Francis Debono astjena u l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ivvota kontra. B'hekk il-pagament ser jitħallas.

## *33.7 Update dwar it-Trasferiment tal-operat tal-Port Reception Facility*

33.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li matul dan l-aħħar gimgħat il-Kunsill talab lill-Ministru Aaron Farrugia u lill-Ministru Ian Borg permezz ta' email sabiex il-Kunsill ikun infurmat bl-iżviluppi kollha li qed iseħħu fir-rigward tat-trasnferiment tal-operat tal-Port Reception Facility. Is-Sindku qal li l-Onorevoli Farrugia talab lill-Kunsill isaqsi l-Ministru kkonċernat, filwaqt li l-Onorevoli Borg wieġeb li l-Kunsill tal-Marsa ser ikun infurmat meta jkun hemm żviluppi fuq il-materja. Wara diskussjoni fost dawk preżenti ġie miftiehem li jkun hemm follow-up ta' dawn l-emails. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ppropona li fis-sustanza tagħhom l-emails għandhom ikunu hekk; lill-Onorevoli Farrugia 'grazzi tat-tweġiba li tajt il-Kunsill minkejja l-fatt li mhix waħda sodisfaċenti għalina u għar-residenti, nitolbuk sabiex flimkien magħna tkun kontra li dan l-operat ma jiġix il-Marsa', lill-Onorevoli Borg ' grazzi tat-tweġiba tiegħek, nappellaw li l-Kunsill ikun dejjem infurmat f'kull pass li qed jittieħed minħabba l-fatt li fl-imgħoddi l-Kunsill qatt ma ġie kkonsultat f'dan ir-rigward. Napprezzaw li ttina l-pozizzjoni tiegħek biex nagħtu serħan il-moħħ lin-nies. Wara li ħadd mill-Membri preżenti ma kellu aktar mistoqsijiet il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *33.8 Crash Barriers fi Triq Zerafa, Triq Isouard, Triq il-Marsa u Triq Qormi*

33.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li hemm bżonn li l-Kunsill jieħu azzjoni dwar miżuri ta' siġurta' f'diversi toroq fil-lokalita'. Hawnhekk qamet diskussjoni dwar l-użu ta' crash barriers, l-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li jistgħu jsiru strips fit-toroq li bihom is-sewwieqa jnaqqsu l-ispeed tal-karozza, madankollu huwa ħasra li persuni li jgħamlu użu tajjeb tat-triq ikollhom jadattaw minħabba n-nuqqasijiet ta' ħaddieħor, u aktar min hekk jekk trid tgħaddi ambulanza dan jista' jkun ta' periklu għall-pazjent. Il-Kunsillier semma' li jistgħu jsiru barriers iktar b'saħħithom bħalma hemm quddiem ħanut f'Qormi Road. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issuġerixxa li minflok dawn l-affarijiet jsiru U-shaped bollards u aktar infurzar. Is-Sindku qal li ser ikun qed ikellem lill-Perit sabiex jiggwidaħ x'inhu l-aħjar mezz ta' traffic management f'diversi toroq.

## *33.9 Sleeping Police fi Triq Isouard, u Triq Patri Feliċjan Bilocca, u Triq l-Irħam*

. 33.9.Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi wara d-diskussjoni fuq it-tema preċedenti talab biex jittieħed vot jekk il-Kunsill jaqbilx ma sleeping police ma Triq Isouard qabel ma taqbad Triq il-Bajjada, u fi Triq l-Irħam u li f'Isouard jinzebgħu l-ispeed limit fit-triq. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ivvota kontra filwaqt li l-membri l-oħra preżenti vvutaw favur.

## *33.10 Laqgħa mall-Community Policing*

33.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li laqgħa mall-Community Police ġiet skedata għall-21 ta' Lulju fid-9.00 ta' filgħodu wara li din ġiet mitluba min diversi membri tal-Kunsill matul dawn l-aħħar xhur.

## *33.11 Skip fi Triq l-Iskola*

33.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-iskip ta' Triq l-Iskola trid titneħħa għaliex qed tiġbed fl-akwata ħafna ħmieġ u anke n-nies tal-flats ma jriduwiex minħabba n-nemus li qed iġġib magħha. Wara diskussjoni fost dawk preżenti l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal tajjeb li teħel camera wara li titneħħa l-iskip sabiex tevita li jibda jintrema' l-iskart b'mod illegali fl-akwata. Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat filwaqt li l-vot favur it-tneħħija tal-iskip kien wieħed unanimu.

## *33.12 Riżultati Finanzjarji għall-Ewwel Kwart tas-Sena 2021;*

33.12.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lill-accountant tal-Kunsill is-Sur Laurence Manicaro sabiex jagħti rendikont tal-andament finanzjarju tal-Kunsill Lokali tal-Marsa għall-matul l-ewwel kwart tas-sena 2021 bejn ix-xhur ta' Jannar u Marzu. Matul dan il-perjodu rajna li l-andament finanzjarju tal-Kunsill ssaħħaħ hekk kif il-perjodu għalaq f'surplus t'aktar min €11,000. Dan l-andament finanzjarju jkompli jindika li l-finanzi tal-Kunsill huma b'saħħithom bil-Financial Services Indicator (FSI) jitla' għall-32% ferm aħjar min dak li kien previst ta' 25%. Il-maġġoranza tal-infieq tal-Kunsill kompla jkun il-manteniment fit-tindif, l-ġbir tal-iskart u l-knis. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu mistoqsijiet, is-Sindku talab l-approvazzjoni tad-dokument. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *33.13 Update Ġnien Belveder – Meters, xogħol addizjonali u tiles tal-pasaġġ*

33.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi poġġa fuq il-mejda tal-kamra ritrati b'disinji tat-tiles għall-Ġnien Belveder. Wara diskussjoni fost dawk preżenti ntgħażlu żewġ disinji. Is-Sindku spjega ukoll dwar il-meters tad-dawl li hemm fil-kamra tal-iscouts u li hemm bżonn li minnhom jittieħed id-dawl u l-ilma għall-proġett. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li l-Kunsill jistgħa joħroġ distributor u l-meter jibqgħa ġewwa biex jiġu evitati spejjeż żejda. Is-Sindku qabel ma din il-proposta pero' xtaq jiċċara l-fatt li b'hekk l-iscouts ser ikunu jistgħu jibqgħu jużaw id-dawl u l-ilma bla ħlas. Il-Kunsillier Spencer qal li bħala rimbors ta' dan is-servizz dawn ikunu jistgħu jagħtu xi servizzi lill-lokalita' bla ħlas kif ġieli għamlu. B'hekk talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex il-meters jibqgħu ġewwa l-kamra u jibqgħu jitħallsu mill-Kunsill. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

33.11.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab jekk il-Kunsill jaqbilx ma proposta li ressqu l-Iscouts dwar il-possibilita' li l-pjazza tiġi bħala pjazza waħda u mhux maqsuma kif inhi bħalissa fil-pjanti eżistenti. Kien hemm diskussjoni dwar dan minħabba l-ammont eżaġerat ta' flus li dan ser iżid fuq il-proġett li huwa ekwivalenti għall-€70,000. Madankollu, is-Sindku qal li jekk kemm il-darba Ambjent Malta lesti li jagħmlu tajjeb għal dan il-ħlas is-Sindku ma jara xejn ħażin, anzi huwa ta' benefiċċju li l-pjazza tkun livell wieħed u ssir rampa biex jitniżżel xi equipment bla ma jkun hemm l-ebda spejjeż addizzjonali għall-Kunsill Lokali. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *33.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

33.14.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.15pm u ġiet aġġornata għas-25 t'Awissu fit-5.30pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

IFFIRMAT

Josef Azzopardi
Sindku

IFFIRMAT

Edward Spiteri Audibert
Segretarju Eżekuttiv